# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar it-Tlieta, 19 ta' Ottubru 2021**

**Talba Nru: 58/2021 JG**
**Numru fuq il-lista: 12**

**Vodafone Malta Limited illum Epic Communications Limited (C 10865)**

**Vs**

**Stefano Borg (K.I. 220687(M))**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fis-17 ta' Frar 2021, permezz ta' liema, is-soċjetá attriċi talbet lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lil-konvenut iħallasha l-ammont ta' elf, erba' mija u disgħa u erbgħin Ewro u wieħed u erbgħin ċenteżmu (€1,449.41) rappreżentanti servizzi reżi u mhux imħallsa, kif aħjar deskritt fl-istess Avviż. Intalbu wkoll l-ispejjeż tal-proċeduri, u l-imgħax[1];

[1] A fol 1 *et seq.*

Ra d-dokumenti annessi mal-Avviż, inkluż affidavit ta' Dr. Jeremy Debono[2];

Ra li fis-seduta tat-12 ta' Lulju 2021, deher il-konvenut u ddikjara formalment li huwa kien qiegħed jaċċetta u jammetti t-talba. Dakinhar huwa kkonferma dan bil-ġurament[3].

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi kif diġa ġie senjalat hawn fuq, il-konvenut f'dawn il-proċeduri għażel li jammetti t-talba fil-konfront tiegħu[4]. Huwa ndubitat li ammissjoni bħal din hija aktar qawwija minn kull prova oħra għaliex "*confessio est probatio probatissima"*[5]. Għalhekk, f'każ fejn din iseħħ, idejn it-Tribunal ikunu marbuta u jkun jista biss jilqa' t-talba. Jiġi wkoll mfakkar li meta s-seħħ ammissjoni, ġudikant għandu jgħaddi sabiex jilqá dak mitlub iżda mhux li jiddikjara l-mertu tal-proċediment eżawrit[6].

Illi din l-ammissjoni saret mingħajr ebda riżerva jew kundizzjoni.

---

2 Dokumenti huma mmarkati bħala Dok X1 u Dok X2.
3 Xhieda tibda a fol 16 tal-proċess.
4 Rilevanti għalhekk dak li jrid l-artikolu 693 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.
5 *La confessione é la superprova.* – Brocardo 940 *bis* – **Dizionario dei Termini Ġiuridici e dei Brocardi Latini,** Edoardo Mori, VII ed, fol 101.
6 *Vide* f'dan is-sens dak li ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Grima vs Alfret Attard et**, (App Ċiv Nru: 3/2013/2), mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) nhar is-6 ta' Ottubru 2020. Inċidentalment, saret referenza (u dak hemm deċiż reġa ġie kkonfermat) għal din is-sentenza riċentement fis-sentenza fl-ismijiet **HSBC Bank Malta p.l.c. vs Lawrence Grima et,** (Rik Ġur Nru: 646/2021 CFS) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-8 ta' Ottubru 2021.

Illi għalhekk, in vista ta' dan, kif ukoll tar-riżultanzi hekk kif jemerġu mill-proċess sħiħ, it-Tribunal sejjer jgħaddi sabiex jilqa' t-Talba kif dedotta.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi jilqa' t-talba tas-soċjetá attriċi u jikkundanna lill-konvenut jħallas lis-soċjetá attriċi s-somma ta' elf, erba' mija u disgħa u erbgħin Ewro u wieħed u erbgħin ċenteżmu (€1,449.41) bl-imgħax legali mil-1 ta' Jannar 2019[7] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu fl-intier tagħhom mill-konvenut.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

[7] Data tal-aħħar fattura kif indikat fir-rendikont li jinsab a fol 2 tal-proċess.